**Il-biċċiet**

Għeżież għalik il-ħwejjeġ ċkejkna
Li għal ħaddieħor ma jfissru xejn,
Imma għal min jemmen fik il-ħajja
Id-dawl li jdawwal ħbub il-għajnejn.

Xejn ma jaħrablek O Mulejja
Kollox quddiemek jinsab mikxuf,
Ma taħlix imqar waqt li hu waqt
B'imħabbtek tħallini wisq mibluħ.

Kemm tgħożż Mulej lil min iħobbok
Saħansitra fl-iżgħar tentufiet,
Tħejjilu minn qalbek il-festa
Mimlija hena w ħafna tamiet.

Kollox iseħħlek tgħożż, tapprezza
L-ebda xewqa mhu se taħrablek,
Għax int Mulej don l-għotja sħiħa
Jistħoqqlok biss biss min ifaħħrek.

Għax f'kull biċċa żgħira u żgħira
Ta' waqt, ħin, fiha inti tinsab,
Min jemmen fik jista' jgħid b'qawwa
Li qalbu llum jew għada tirtab.

Għalhekk għallimni issa ngħidlek
Ħalli qatt ma nitħalla naħrab,
Lejn il-ġeġwiġija imdella
Ta' ħsibijiet bħal dar bla saqaf.

Li għax mhux imkenna mir-rieda
Malajr jitbielu u dritt jinxfu,
Għaliex qatt ma ġew imsoqqija
Mill-imħabba, għalhekk jinfixlu.

Mela issa, fil-bidu tal-għodwa
Tant sabiħa, iżżejjen smewwiet,
Tini l-qawwa li ngħid dik l-IWA
Meta ndur lejk anki fil-biċċiet.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.